MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 198/2003

**Avviz numru 198/2003DM**

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Lino Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-bank attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm3300.56,0 (tlett elef tlett mitt lira Maltin u sitta u hamsin centezmi bl-imghax tat-8% fis-sena b'effett mit-18 ta' Frar, 2003, kwantu ghall:

(1) Lm1260.83,0 dovuti fuq Flexi Credit Account Nru 054-080742-300 kwantu ghal Lm1112.63,0 sorte u

Lm148.20,0 imghaxijiet bit 8% fis-sena sat – 18 ta' Frar, 2003 skond statements annessi mal-avviz u mmarkati Dok A u Dok A1 ;
(2) Somma ta' Lm1011.03 dovuti fuq Flexi Crdit Account Nru. 054-080742-301 kwantu ghall Lm892.18,0 sorte u kwantu ghal Lm118.85,0 imghaxijiet bit-8% fis-sena sat – 18 ta' Frar, 2003 statements annessi mall-avviz u mmarkati Dok B u Dok B1; u
(3) Lm1028.70,0 dovuti fuq Flexi Credit Account Nru 054-080742-302 kwantu ghal Lm903.95,0 sorte u kwantu ghal Lm124.75,0 imghaxijiet bit-8% fis-sena kalkolati sat-18 ta' Frar 2003, statements annessi mall-avviz u mmarkati Dok C u Dok C1.

Bl-ispejjes u bl-imghaxi legali bit-8% fis-sena dekorribbli mit-18 ta' Frar 2003 u bl-iingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma komplessiva ta' Lm3300.56,0 (tlett elef tlett mitt lira Maltin u sitta u hamsin centezmi ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali bit-8% dekorribbli mit-18 ta' Frar 2003;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------